

Brussell, 24 ta' Marzu 2021
(OR. en)

7334/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0059(NLE)

CCG 17

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill

Suġġett: Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fir-rigward tad-deċiżjoni prevista tal-Parteċipanti tal-Arranġament dwar Krediti ta' Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati - Adozzjoni

1. Fit-12 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill "Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar id-deċiżjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea rigward id-deċiżjoni prevista tal-Parteċipanti fl-Arranġament dwar il-Kreditu għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati"¹. Din il-proposta hija bbażata fuq l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) TFUE flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu.

¹ dok 7002/21 + ADD 1

2. Il-proposta għandha l-għan li tiddetermina l-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Parteċipanti tal-Arranġament dwar Krediti ta' Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati. Id-deċizzjoni prevista biex jiżdied l-appoġġ uffiċjali għall-ispejjeż lokali tadatta d-dispożizzjonijiet dwar l-appoġġ għall-ispejjeż lokali fl-Arranġament għax-xejriet prevalenti tal-kummerċ u l-produzzjoni. Il-ktajjen ta' valur mondjali biddlu d-deċizzjonijiet tal-esportaturi dwar l-akkwisti u l-biċċa l-kbira tal-esportaturi issa qed jiksbu provvista minn diversi pajjiżi u b'mod li qed jiżdied minn fejn jinsab ix-xerrej. Sabiex l-esportaturi tal-UE jingħataw aktar flessibbiltà u biex ikun hemm strateġiji ottimali ta' akkwist, il-limitu fuq l-appoġġ uffiċjali għal appoġġ lokali għandu jiżdied minn 30 % għal 40 % tal-valur tal-kuntratt ta' esportazzjoni f'pajjiżi b'introjtu għoli u minn 30 % għal 50 % tal-valur tal-kuntratt ta' esportazzjoni f'pajjiżi b'introjtu medju u baxx.
3. Wara l-kummenti, l-Artikolu 2 tad-Deċizzjoni tal-Kunsill ġie rivedut f'kompromess tal-Presidenza².
4. Fin-nuqqas ta' laqgħa tal-Grupp minħabba r-restrizzjonijiet attwali fuq l-ivvjaġġar, id-delegati skambjaw il-pożizzjonijiet tagħhom bil-miktub dwar il-kompromess tal-Presidenza għal Deċizzjoni tal-Kunsill³ u l-proposta tal-Kummissjoni għall-Anness għad-Deċizzjoni tal-Kunsill⁴ u laħqu qbil dwarhom fit-23 ta' Marzu 2021.

² WK 3929/2021 INIT

³ WK 3929/2021 INIT

⁴ dok 7002/21 ADD 1

5. Huwa b'hekk issuġġerit li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jistieden lill-Kunsill, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, biex
- jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fir-rigward tad-deċiżjoni prevista tal-Parteċipanti tal-Arranġament dwar Krediti ta' Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti, kif tinsab fid-dokument 7201/21⁵ u l-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti, kif jinsab fid-dokument 7202/21⁶,
 - jgħarraf lill-Parlament Ewropew bid-Deċiżjoni tal-Kunsill u l-Anness skont l-Artikolu 218 (10) TFUE.
-

⁵ id-dokument għad irid jinħareġ

⁶ id-dokument għad irid jinħareġ